MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 1273/2010

**Vodafone Malta Limited
C-10865**

**vs**

**Sultana Antoine
I.D. 456477M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-konvenut huwa debitor tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ tliet mija sebgha u sittin Ewro u tnejn u tletin centezmu (€367.32), rapprezentanti prezz ghal servizzi ta’ telefonija cellurari rezi mis-socjeta’ attrici lill-konvenut in konnessjoni ma’ *mobile phone* bin-numru *79946192.*

Il-konvenut interpellat sabiex ihallas diversi, izda baqa’ inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluz tal-mandat ta’ sekwestruipprezentat kontestwalment, u tal-ittra ufficjali numerata *2832/09* u bl-interessi mill-1 ta’ Awwissu, 2008 li hija d-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut illi gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ tliet mija sebgha u sittin Ewro u tnejn u tletin centezmu (€367.32), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------